

Brussell, 27 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9442/24

CONOP 26
CFSP/PESC 798

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal bil-ħsieb tal-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal bil-ħsieb tal-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal, kif approvati mill-Kunsill fl-4028 laqgħa tiegħu tas-27 ta' Mejju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-
mini kontra l-persunal**

**bil-ħsieb tal-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini
Kontra l-Persunal**

I- Introduzzjoni

1. L-Unjoni Ewropea (UE) hija magħquda fl-appoġġ u fit-twettiq tal-oġettivi tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni, u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom¹. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom storja twila ta' appoġġ għat-tneħħija tal-mini u d-distruzzjoni ta' ħażniet ta' mini kontra l-persunal, kif ukoll għall-assistenza lill-vittmi ta' mini kontra l-persunal, il-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni u l-appoġġ lill-Istati Parti fl-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom tal-Konvenzjoni. L-Istati Membri kollha tal-UE ilhom parti għall-Konvenzjoni mill-1 ta' Ġunju 2013;
2. Il-Kunsill iqis il-Konvenzjoni bħala strument ewlieni ta' diżarm, li l-integrità, l-implimentazzjoni sħiħa u l-applikazzjoni stretta tagħha għandhom jiġu garantiti, u għandha tiġi segwita l-aderenza universali magħha. Ħamsa u għoxrin sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha, il-Konvenzjoni saret storja ta' suċċess ta' diplomazija dwar id-diżarm u eżempju ta' dak li tirrappreżenta l-Unjoni: ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, imsejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali. Il-Konvenzjoni tgħaqqad flimkien norma globali b'saħħitha dwar il-projbizzjoni tal-użu, it-trasferiment u l-produzzjoni ta' mini kontra l-persunal b'riżultati impressjonanti rigward id-distruzzjoni ta' ħażniet ta' mini kontra l-persunal, it-tindif ta' art ikkontaminata mill-mini u d-dispożizzjoni tagħha li kull Stat Parti, f'pożizzjoni li jagħmel dan, għandu jipprovdi assistenza rilevanti lill-vittmi tal-mini li għandha tiġi integrata f'politiki, pjanijiet u oqfsa legali nazzjonali usa'.

¹ Minn hawn 'il quddiem, il-"Konvenzjoni".

Il-Konvenzjoni ġġenerat impatt pożittiv konsiderevoli u li jista' jitkejjel fuq il-protezzjoni umanitarja, l-istabbilizzazzjoni, l-iżvilupp u d-diżarm madwar id-dinja, li jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà globali u għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-oġettivi tal-Konvenzjoni għadhom ma nkisbux kompletament. Il-kontaminazzjoni mill-mini kontra l-persunal qed tkompli tikkawża ħsara, tnissel biża', iċċaħħad l-aċċess, timpedixxi l-iżvilupp soċjoekonomiku u twaqqaf lir-refuġjati u lin-nies spostati internament milli jirritornaw lura f'pajjiżhom. Il-piż imqiegħed minn mini kontra l-persunal u fdalijiet esplożivi tal-gwerra fuq l-individwi, il-familji, il-komunitajiet, ir-reġjuni u l-Istati għadu għoli u inaċċettabbli. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-użu ta' mini kontra l-persunal u mini improvviżati kontra l-persunal, li jagħmlu lill-Ukrajna l-aktar pajjiż ikkontaminat mill-mini fid-dinja. Il-Kunsill huwa mħasseb ukoll dwar kontaminazzjonijiet ġodda f'pajjiżi bħall-Iraq, il-Libja, is-Sirja, il-Jemen, il-Myanmar kif ukoll fis-Saħel. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li kwalunkwe użu ta' mini kontra l-persunal fi kwalunkwe post, fi kwalunkwe ħin, u minn kwalunkwe attur jibqa' kompletament inaċċettabbli għall-UE;
4. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ewlenin ta' assistenza għall-azzjoni kontra l-mini madwar id-dinja, billi jappoġġaw l-universalizzazzjoni, l-istħarriġ u t-tindif ta' żoni bil-mini, l-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini, l-assistenza lill-vittmi, id-distruzzjoni tal-ħażniet, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u r-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġija għas-sejbien u t-tneħħija tal-mini. Mill-aħħar Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni fl-2019, l-UE u l-Istati Membri tagħha baqgħu donaturi ewlenin għall-azzjoni kontra l-mini fid-dinja, b'EUR 26 miljun allokati fl-2022 u EUR 38.5 miljun allokati fl-2023 taħt l-istrumenti ta' rispons għall-kriżijiet, u EUR 8.5 miljun fl-2022 u EUR 16-il miljun oħra fl-2023 taħt l-ġhajjnuna umanitarja. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-appoġġ komplementari sostanzjali mill-Istati Membri individwali tal-UE fil-finanzjament ta' attivitajiet u proġetti ta' assistenza għall-azzjoni kontra l-mini;
5. Il-Kunsill ifakkar fil-kontribut ipprovdut lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/257, tat-18 ta' Frar 2021, b'appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni, u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni tagħhom.

Din id-Deċiżjoni ppermettiet lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni timpenja ruħha fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo adottat fl-okkażjoni tar-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni fl-2019, inkluż bil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni u l-appoġġ għall-isforzi tal-Istati Parti biex jimplimentaw l-aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo fir-rigward tal-istħarriġ, it-tneħħija, l-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini u l-assistenza għall-vittmi;

6. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn ħafna sħab u partijiet ikkonċernati li kkontribwew għall-iżvilupp tal-Konvenzjoni u s-suċċessi tagħha ta' dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, inkluż l-Istati Parti kollha, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjetà Ċivili, ir-riċerkaturi, u d-donaturi u l-operaturi kollha tal-azzjoni kontra l-mini. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill jirrikonoxxi, fost oħrajn, l-isforzi li saru mill-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, u l-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini tal-Art. Il-Kunsill jixtieq b'mod partikolari jonora l-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' dawk li jneħħu l-mini madwar id-dinja li qed jaħdmu biex jerġgħu jagħmlu l-art aċċessibbli u sikura, u jixtieq jikkommemora lil dawk li tilfu ħajjithom filwaqt li kienu qed jagħmlu dan ix-xogħol nobbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li s-superstiti u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, inkluż l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u dawk immexxi min-nisa, jiġu inklużi fl-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kunsill jawgura lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-ħidma b'saħħitha u imprezzabbli tagħha. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jissottolinja s-sħubija b'saħħitha u l-kooperazzjoni eċċellenti bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-UE fil-qasam tal-azzjoni kontra l-mini;
7. Il-Kunsill jilqa' l-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni li jmiss, li ser issir f'Siem Reap-Angkor bejn il-25 u d-29 ta' Novembru 2024, bħala opportunità biex jiġi rivedut il-progress, jiġu affermati mill-ġdid l-impenji u jiġu promossi aktar l-universalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kunsill iqis li l-Konferenza ta' Reviżjoni għandha tinkoraġġixxi djalogu miftuħ u kostruttiv bejn l-Istati Parti u tinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġu diskussi l-isfidi attwali u futuri u jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-għan komuni ta' dinja ħielsa mill-mini kontra l-persunal;
8. Elaborazzjoni tal-oġġettivi tal-UE għall-eżitu tal-Konferenza ta' Reviżjoni tista' tinstab fid-dokument ta' pożizzjoni fil-punt II.

II- Dokument ta' pożizzjoni tal-UE bil-ħsieb tal-ħames konferenza ta' reviżjoni dwar il-projbizzjoni tal-użu, il-kumulazzjoni, il-produzzjoni u t-trasferiment ta' mini kontra l-persunal u fuq id-distruzzjoni tagħhom (Siem Reap-Angkor, bejn il-25 u d-29 ta' Novembru 2024)

L-Unjoni Ewropea (UE) ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għal eżitu ta' kunsens b'suċċess tal-Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal, u b'hekk twettaq l-inklużjoni tal-elementi li ġejjin fit-tliet dokumenti ta' eżitu previsti: (1) ir-Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni, (2) id-Dikjarazzjoni Politika u (3) il-Pjan ta' Azzjoni.

1) Fir-rigward tar-Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni:

1. Jiġu identifikati sfidi ġodda ta' implimentazzjoni li ntlaqgħu mill-Istati Parti fl-oqsma kollha tal-Konvenzjoni (universalizzazzjoni, konformità, assistenza għall-vittmi, tneħħija ta' mini, distruzzjoni ta' ħażniet, kooperazzjoni u assistenza, trasparenza, u skambju ta' informazzjoni);
2. Jitfakkru l-konklużjonijiet tal-Presidenza Ġermaniża tal-21 Laqgħa tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni rigward l-isfidi attwali kif deskritti fid-dokumenti ċċirkolati lill-Konferenza;
3. Isir sforz għal reviżjoni dettaljata tal-istatus ta' implimentazzjoni tal-obbligi tal-Konvenzjoni mir-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni fl-2019, filwaqt li wieħed jibni fuq il-ħidma preparatorja u l-konklużjonijiet tal-Komitati tal-Konvenzjoni, inkluż:

Universalizzazzjoni

- a. Jiġu appoġġati l-isforzi kollha diretti lejn l-universalizzazzjoni, inkluż dawk tal-Presidenza, l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni u l-Mibgħuta Speċjali tal-Konvenzjoni, u l-iżvilupp ta' inċentivi għall-promozzjoni tal-universalizzazzjoni, inkluż permezz tal-finanzjament;

Implimentazzjoni tal-Artikolu 5

- b. L-Istati Parti jiġu mħeġġa jippreżentaw fil-ħin informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5, b'mod partikolari rigward talbiet għal estensjoni;

- c. Jitfakkar li sal-2025 14-il Stat Parti għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom għat-tneħħija tal-mini, u jiġi nnutat b'dispijaċir li f'it biss jidher li għad jirnexxielhom jilhq din l-iskadenza;
- d. Jitħeġġu sforzi mill-Istati Parti kollha kkonċernati, minħabba d-diversi talbiet għal estensjoni mistennija fl-2024; Isir appell lill-Istati Parti biex jippreżentaw pjanijiet ta' ħidma dettaljati għall-perjodi ta' estensjoni mitluba, inkluż analiżi tal-ispejjeż u inizjattivi speċifiċi għall-kuntest għall-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini u t-tnaqqis fil-komunitajiet affettwati;
- e. L-Istati Parti jiġu mħeġġa biex iżommu l-istandards nazzjonali ta' azzjoni kontra l-mini aġġornati skont l-aħħar Standards Internazzjonali għal Azzjoni rigward il-Mini (IMAS);
- f. L-Istati Parti li huma rrapportati li huma kkontaminati minn mini kontra l-persunal ta' natura improvviżata jiġu mħeġġa jkomplu jissensibilizzaw dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata din il-kontaminazzjoni fil-qafas tal-Konvenzjoni;
- g. Jitħeġġeġ it-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-Kumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu 5 u l-Kumitat dwar it-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni u l-Assistenza, kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu mal-organizzazzjonijiet esperti;
- h. Jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' grupp ta' appoġġ informali għall-Kumitat tal-Artikolu 5, u titkompla ħidma fuq kif jista' jissaħħaħ il-proċess tal-Artikolu 5 inkluż il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti;

Implimentazzjoni tal-Artikolu 7

- i. L-Istati Parti jiġu mistiedna jikkonformaw mal-obbligi ta' rappurtar tagħhom skont l-Artikolu 7;

Dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza

- j. Jiġi promoss l-eżitu tat-tielet Konferenza Globali dwar l-assistenza għall-vittmi u jiġi żgurat li dan jikkontribwixxi għall-Pjan ta' Azzjoni futur;
- k. Jiġi appoġġat il-format tal-approċċ individwalizzat li l-Kumitat jimplimenta sabiex jagħti pjattaforma lill-Istati Parti affettwati interessati biex jippreżentaw l-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż id-donaturi u l-operaturi tal-azzjoni kontra l-mini;

4. Jiġi rivedut il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u jkunu appoġġati l-isforzi u l-proposti biex itejbuh fejn meħtieġ, f'konformità mal-Konvenzjoni;
5. Jintalab li jsiru sforzi biex ikun sostnut u ipprovdut finanzjament ġdid għal azzjoni kontra l-mini, inkluż permezz ta' finanzjament innovattiv;
6. L-Istati Parti b'arretrati għal kontribuzzjonijiet ivvalutat għall-Konvenzjoni jiġu mistiedna biex isolvu dan, filwaqt li jiġi ssottolinjat li impenn politiku għall-Konvenzjoni għandu jkun appoġġat minn impenn finanzjarju, u l-Istati Parti li jinsabu f'pożizzjoni li jagħmlu dan jiġu mħeġġa biex jipprovdu kontribuzzjonijiet volontarji lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;

2) *Fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Politika ta' Siem Reap-Angkor*

1. Isir sforz għal ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, b'għeruw fir-rispett tad-Dritt Internazzjonali, inkluż il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Umanitarja Internazzjonali, u appoġġ għal djalogu multilaterali kontinwu dwar id-diżarm;
2. Jintwera apprezzament lill-Kambodja talli ser tospita l-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni, tiġi rikonoxxuta l-esperjenza b'saħħitha tal-Kambodja fl-oqsma kollha tal-Azzjoni kontra l-Mini, u r-rieda tagħha li tippermetti pajjiżi oħra jibbenefikaw mill-esperjenza tagħha;
3. Jingħata appoġġ għall-prijorità mogħtija mill-Presidenza Kambodjana għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 u l-assistenza lill-vittmi, u jiġu mfakkra l-appoġġ u r-rieda tal-UE li tinvolvi ruħha f'dawn l-oqsma;
4. L-impenn qawwi li tinżamm in-norma kontra l-mini kontra l-persunal jiġi affermat mill-ġdid, u tiġi appoġġata l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni;
5. Jiġi mfakkar li kwalunkwe użu ta' mini kontra l-persunal fi kwalunkwe post, fi kwalunkwe ħin, u minn kwalunkwe attur jibqa' kompletament inaċċettabbli għall-UE;
6. Jiġi espress l-impenn politiku tal-Istati Parti biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor;
7. Jintwera dispjaċir għan-nuqqas ta' progress fl-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni mill-2017, fejn 33 Stat baqgħu barra, u jitħeġġeġ impenn imġedded favur l-universalizzazzjoni mill-Istati Parti kollha u atturi oħra;

8. Titfakkar l-importanza tas-sħubijiet mal-atturi kollha tal-azzjoni kontra l-mini, inkluż mas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet nazzjonali għall-azzjoni kontra l-mini u s-settur privat;
9. Jiġi ikkonfermat li apparat esplożiv improvviżat (IEDs) li jissodisfa d-definizzjoni tal-Konvenzjoni ta' mina kontra l-persunal, jaqa' taħt l-obbligi tal-Konvenzjoni;
10. Jiġi ssottolinjat li l-azzjoni kontra l-mini spiss hija essenzjali biex tippermetti l-iżvilupp soċjoekonomiku, it-tiswir tal-paċi, l-istabbilizzazzjoni u l-aċċess umanitarju;
11. Isir sforz biex jiġu kkunsidrati d-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu promossi approċċi sensittivi għall-ġeneru u sensittivi għall-kunflitti fit-tweqqif tal-aspetti kollha tal-azzjoni kontra l-mini, kif ukoll fil-proċedimenti istituzzjonali tal-Konvenzjoni;
12. Jintwera tħassib dwar il-ħafna vittmi ta' mini kontra l-persunal fil-perjodu mir-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni, jiġi elenkati l-pajjiżi l-aktar milquta, jitqabblu d-data u x-xejriet mas-snin preċedenti u jittieħdu lezzjonijiet għall-ħames snin li ġejjin;
13. Jiġi esplorati l-benefiċċji u jissaħħu s-sinerġiji eżistenti ma' strumenti oħra skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, bħall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD); dawn l-istrumenti huma komponenti ewlenin tal-assistenza għall-vittmi, għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-parteciġazzjoni effettiva tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà fuq bażi ugwali;

3) *Fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor*

1. Jiġi indirizzati l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-universalizzazzjoni, id-distruzzjoni ta' ħażniet u ż-żamma ta' mini kontra l-persunal, l-istħarriġ u t-tindif ta' żoni tal-mini, l-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini, l-assistenza għall-vittmi, il-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali, u miżuri biex tiġi żgurata l-konformità;
2. Issir ħidma fuq il-lakuni u l-isfidi identifikati permezz tar-Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni biex b'mod kollettiv jiġu żviluppati proposti għall-innovazzjoni, tittejjeb u tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-aspetti kollha tagħha;

Jiġi ssottolinjat li l-azzjoni kontra l-mini hija faċilitatur u tappoġġa l-isforzi fil-qasam tas-sigurtà u dawk umanitarji, l-istabbilizzazzjoni, u l-iżvilupp soċjoekonomiku, kif ukoll ir-ritorn tar-refuġjati u l-appoġġ integrat għall-vittmi tal-mini;

3. Jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi u tal-Patt għall-Futur għall-Azzjoni kontra l-Mini; Jiġu rikonoxxuti s-sħubijiet speċjali tal-Konvenzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, il-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini tal-Art u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija Umanitarja tal-Mini, kif ukoll il-kontribut tas-sħubijiet mas-soċjetà ċivili fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;
4. Jitfakkar il-kontribut tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, l-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;
5. Jiġi promoss impenn mill-Istati Parti kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ u jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni, inkluż billi jieħdu miżuri ta' assistenza xierqa, meta jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu dan, lil hinn mit-tneħħija tal-mini, biex jiżguraw ir-riabilitazzjoni soċjali u ekonomika tal-vittmi tal-mini;
6. Jiġi promoss l-appoġġ għad-Djalogi Nazzjonali jew Reġjonali tal-Partijiet Ikkonċernati biex ikomplu jtejb u l-kooperazzjoni u l-assistenza dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u biex jinkoraġġixxu lill-partijiet responsabbli għall-benesseri tal-komunitajiet affettwati mill-mini u s-superstiti biex jindirizzaw aħjar l-isfidi li jiffaċċaw permezz ta' dialogu u sħubijiet imsaħħa;
7. Jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' politiki biex jassistu bl-aħjar mod lill-vittmi tal-mini b'mod mhux diskriminatorju li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjoni ċivili kollha, inkluż is-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali;
8. Jitħeġġu l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru u jittieħed kont tal-ħtiġijiet u l-esperjenzi diversi ta' persuni f'komunitajiet affettwati fl-ipprogrammar ta' azzjoni kontra l-mini;
9. Jittieħed kont tal-implikazzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-aspetti kollha tal-azzjoni kontra l-mini, l-Istati Parti jiġu mħeġġa biex jipprioritizzaw dawn l-aspetti fl-istrateġiji nazzjonali ta' azzjoni kontra l-mini, jirrapportaw dwar dawn l-aspetti, jinnominaw punti fokali fil-kumitati ddedikati u jikkunsidraw il-kontaminazzjoni tal-mini u l-azzjoni kontra l-mini fil-pjanijiet nazzjonali ta' rispons għad-diżastri; l-operaturi jiġu mħeġġa biex jieħdu kont ta' dawn l-aspetti fl-azzjonijiet u l-proġetti tagħhom;

10. Jitqiesu l-Istandards Internazzjonali għal Azzjoni rigward il-Mini (IMAS) u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika taċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal skopijiet umanitarji (GICHD) f'dan ir-rigward;
11. Jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji ewlenin fl-azzjoni kontra l-mini, inkluż it-trasparenza, ir-responsabbiltà, l-effettività u l-effiċjenza, l-inklużività u s-sensittività għall-kunflitti;
Jiġu promossi u mfittxija modi biex jiġu sfruttati l-aqwa prattiki miġbura mill-esperjenza u l-iskambji fil-livelli kollha;
12. Jiġu appoġġati approċċi innovattivi bħal finanzjament u mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda għall-assistenza ta' azzjonijiet rigward il-mini;
13. Tithegġegħ l-adozzjoni ta' miżuri biex jissaħħaħ il-proċess tal-Artikolu 5 bil-ħsieb li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi tal-istati kkonċernati u jiġu appoġġati b'mod effettiv biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fil-ħin;
14. Tithegġegħ iż-żieda fl-appoġġ finanzjarju u tekniku għat-tneħħija tal-mini u għall-assistenza għall-vittmi tal-mini;
15. Jiġi kkonfermat li mini kontra l-persunal ta' natura improvviżata għandhom ikunu rrappurtati u jitneħħew permezz ta' azzjoni kontra l-mini skont l-obbligi eżistenti;
16. Titfakkar il-kwistjoni tal-użu illegali ta' apparat esplożiv improvviżat li jissodisfa d-definizzjoni tal-Konvenzjoni ta' mini kontra l-persunal bħala tħassib kritiku li għandu jiġi kkunsidrat fil-pjan ta' azzjoni li jmiss, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini.
